MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 1093/2002

**A**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 tal-process datata 27 ta' Ottubru 2002 fejn gie premess:-

Illi l-partijiet kontendenti nghaqdu fiz-zwieg fit-2 t'Awissu 1997, minn liema zwieg twieldet tifla l-minuri B li ghandha tliet (3) snin; u

Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet kontendenti ma ghadhiex aktar possibbli minhabba htijiet imputabbli lill-konvenut u senjatament minhabba adulterju, eccessi,

mohqrija u ngurji gravi da parti tal-konvenut fil-konfront ta' l-attrici, u in subsidium, ghax iz-zwieg tkisser irrevokabbilment; u

Illi l-attrici l-attrici ottjeniet id-debita awtorizzazzjoni tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili b'Digriet numru 1259/2002 sabiex tkun tista' tipprocedi b'din l-istess istanza; u

Illi t-tentattivi sabiex jintlahaq ftehim bonarju ma swew ghal xejn, u ghalhekk kellhom jigu ntavolati l-proceduri odjerni;

Illi l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut, u tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-konvenut.

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri B f'idejn l-attrici.

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici ghaliha u ghall-minuri, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata li tigi ffissata minn din l-istess Qorti.

4. Tapplika kontra l-konvenut, interament jew in parti, id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 *et seq* tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**.

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-istess komunjoni jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet kif jigi stabbilit u ordnat minn din il-Qorti, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

6. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att ta' divizjoni relattiv u kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

7. Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni dotali u parafernali kollha taghha, u tordna illi l-attrici tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.

8. Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossia tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda a fol. 3 tal-process;

Rat ir-rikors ta' l-attrici datat 27 ta' Settembru 2002 fejn talbet li tigi mahtura bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri B Zammit fl-atti tal-kawza.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tal-1 t'Ottubru 2002 fejn laqghet it-talba.

Rat id-digriet affidavit moghti lill-attrici fl-14 ta' Novembru 2002 fejn il-Qorti pprefiggietilha terminu ta' sittin (60) gurnata sabiex tipprezenta x-xhieda kollha taghha producibbli bil-procedura ta' l-affidavits bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensur tieghu.

Rat il-verbal tas-26 ta' Frar 2003 fejn Dr. Graziella Bezzina ghall-attrici tat ruhha b'notifikata bl-avviz tas-smiegh tal-kawza. Il-Qorti estendiet it-terminu ghall-prezentata ta' l-affidavits attrici b'hamsin (50) gurnata ohra.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut tat-2 t'April 2003 a fol. 18 u 19 fejn gie eccepit:-

1. Illi l-eccipjenti ma jopponix ghas-separazzjoni personali izda dana ghal ragunijiet imputabbli lill-istess attrici u dana hekk kif se jkollu l-opportunita' illi jipprova waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna.

2. Illi ghar-rigward tal-kura u kustodja, l-eccipjent jeccepixxi illi din ghandha tkun konguntiva b'dana illi l-minuri bl-isem ta' B xorta wahda torqod m'ommha l-attrici u dana basta illi jkun hemm access ragjonevoli u adegwat ghall-istess minuri min-naha tal-konvenut.

3. Illi ghar-rigward tal-manteniment, l-eccipjenti ma jopponix illi huwa jforni manteniment ghal bintu B basta dan ikun relattiv ghall-introjtu tieghu, filwaqt li qieghed jopponi illi jforni manteniment lil martu l-attrici *stante* illi din gja' qieghda tahdem u tista' facilment tibqa' tahdem u jkollha ntrojtu taghha fiss u regolari.

4. Illi ghar-rigward tar-raba' *et sequitur*, l-eccipjenti lanqas ma qieghed jopponi ghax-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti u li l-istess komunjoni tinqasam f'zewg porzjonijiet, izda sakemm l-attrici bhala hatja tal-firda matrimonjali ta' bejn il-kontendenti ghandhom jigi applikati fil-konfront taghha minn din il-Qorti d-dispozizzjonijiet ta' l-artikoli relattivi tal-**Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, *inter alia*, l-artikolu 48 ta' l-istess Kapitolu**.

5. Illi ghar-rigward tas-seba' talba, l-eccipjenti jeccepixxi illi huwa m'ghandu xejn li jifforma parti mill-beni dotali u parafernali ta' l-attrici.

6. Illi ghar-rigward tat-tmien talba, l-eccipjenti jeccepixxi illi huwa m'ghandu l-ebda oggezzjoni ghal dan.

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permess mill-Ligi.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 20 u 21 tal-process.

Rat il-verbal tat-3 t'April 2003 fejn inghata digriet nota guramentata. Il-Qorti regghet estendiet it-terminu ghall-prezentata ta' l-affidavits attrici b'erbghin gurnata ohra, wara liema terminu l-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Kenneth Gulia sabiex jiffissa zewg seduti ghall-konkluzjoni provi attrici.

Rat in-nota guramentata ta’ l-attrici tat-23 t’April 2003, u n-nota l-ohra taghha pprezentata fl-istess gurnata fejn biha esebiet l-affidavits taghha u ta’ huha Edward Magri.

Rat il-verbal tas-26 ta’ Gunju 2003 fejn inghata digriet affidavit tal-konvenut b’terminu ta’ erbghin gurnata mill-gurnata ta’ l-ahhar seduta ghall-provi attrici, wara liema terminu l-Assistent Gudizzjarju gie ordnat izomm zewg seduti ghall-konkluzjoni provi tal-konvenut.

Rat in-nota tal-konvenut tad-19 ta’ Settembru 2003 li permezz taghha esebixxa l-affidavits tieghu, ta’ Oliver Abela u ta’ Raphael Mallia.

Rat il-verbali tas-7 ta’ Jannar 2004; tas-27 ta’ Jannar 2004; tal-4 ta’ Marzu 2004; u tal-25 ta’ Mejju 2004 fejn il-partijiet qablu li fid-dar matrimonjali ghandha tibqa’ tghix l-attrici mal-minuri sakemm din taghlaq it-tmintax-il sena. Id-dar giet stmata li tiswa *circa* hamsa u erbghin elf lira Maltin (Lm45,000) u l-partijiet qablu li l-ghamara ghandha tibqa’ fl-istess post u mbaghad tinbiegh mad-dar jew tinqasam, u li l-uniku pendenza pendenti allura hija l-manteniment.  Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-24 ta’ Frar 2005.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## **II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi l-partijiet izzewgu fit-2 ta’ Awissu 1997 u kellhom tifla bl-isem ta’ B li llum ghandha cirka hames (5) snin. Illi dwar il-kawza ta’ separazzjoni din il-Qorti jirrizultalha li l-istess konvenut kien principarjament hati tal-firda personali bejn il-partijiet minhabba relazzjoni adultera li qabad ma’ certu Lorraine Falzon.  Fil-fatt il-konvenut, anke minhabba l-inkwiet li nqala’ bejn il-koppja odjerna, ma baqax joqghod ma’ l-attrici b’effett minn Gunju 2002 – ghalkemm l-allegazzjoni ta’ adulterju tirresali ghal qabel Awissu 2000.

Illi din il-Qorti pero’ jirrizultalha wkoll li fil-mori ta’ din il-kawza anke l-attrici kellha relazzjoni adultera, u ghalhekk llum il-konvivenza bejn il-partijiet hija mpossibbli u z-zwieg tkisser irremedjabbilment. Jinghad li l-provi dwar ir-relazzjoni adultera ta’ kull parti ngabu fiz-zewg kazi kemm permezz ta’ xhieda kif ukoll permezz ta’ *videos*.

Illi dwar mantiniment il-konvenut ghandu jhallas manteniment ghall-istess minuri fl-ammont ta’ mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120) kull erba’ gimghat, liema ammont ghandu jithallas kull erba’ gimghat bil-quddiem fir-residenza ta’ l-attrici. Il-Qorti tordna li l-ammont imsemmi ghandu jibda jithallas billi jinqata’ direttament mill-paga tal-konvenut mill-*employer* tieghu, illum Multipackaging Limited (u kull *employer* iehor jekk ikun il-kaz) u jintbaghtu direttament lill-attrici. Ghal dan l-iskop din il-Qorti tordna li kopja legali ta’ din is-sentenza tigi notifikata a spejjez attrici lis-socjeta’ li timpjega lill-konvenut, sabiex hija taderixxi ruhha ma’ din l-ordni skond il-ligi.

Illi t-talba ta’ manteniment ghall-attrici qed tigi michuda *stante* li hija qed tigi ddikjarata li ddekadiet b’effett mid-data ta’ din is-sentenza minn kull dritt ta’ l-istess, b’applikazzjoni ta’ l-**artikolu 48 tal-Kap 16** kontra taghha, liema artikolu qieghed jigi applikat ukoll kontra l-konvenut.

Illi l-istess konvenut ghandu pero’ jhallas lill-attrici l-arretrati kollha ta’ manteniment dovuti minnu skond id-digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili, u dan sad-data tat-23 ta’ Frar 2005.

Illi ghar-rigward tal-kura u kustodja qed jigi deciz li l-minuri B ghandha tkun u tirrisjedi ma’ ommha, b’dan li l-konvenut ikollu access ghall-minuri kull nhar ta’ Tlieta u nhar ta’ Hamis bejn l-4:00 p.m. u s-6:00 p.m. u darba s-Sibt u jew il-Hadd, b’mod alternattiv, bejn l-10:00 a.m. u nofsinhar. Tali kura u access ghall-minuri ghandha tigi ezercitata mill-partijiet fl-assenza ta’ terzi persuni tas-sess oppost li m’humiex familjari tal-partijiet, u l-minuri ghandha tittiehed u tingieb lura ghall-access mir-residenza ta’ l-omm.

Illi jirrizulta mill-provi, u dan huwa wkoll pacifiku li l-istess partijiet ghandhom in komun bejniethom dik li kienet id-dar matrimonjali numru 142, Triq San Gejtanu, il-Hamrun, mixtrija bejniethom b’kuntratt fl-atti tan-Nutar Marco Burlo’ tal-21 ta’ Mejju 1993 – esebit bhala Dok. “DZ1” a fol. 32 tal-process. L-ghamara li tabellixxi l-istess post hija wkoll proprjeta’ taz-zewg partijiet.  Il-partijiet b’verbal datat 25 ta’ Mejju 2004 qablu, li l-attrici flimkien ma’ bintha ghandha tibqa’ tghix fl-istess fond bil-mobbli ta’ go fih, ad eskluzjoni tal-konvenut sakemm il-minuri binthom talaq tmintax-il sena, wara liema zmien il-proprjeta ghandha tinbiegh u l-ghamara tinqasam jew inkella tinbiegh ukoll.

Illi ghalhekk in vista tal-premess, u anke peress li fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li ghandha taghti aditu ghal dak li ftehmu fuqu l-partijiet fuq dawn l-oggetti, din il-Qorti tordna li l-attrici ghandha d-dritt sabiex flimkien ma’ bintha tghix fl-istess fond, bl-eskluzjoni tal-konvenut, u dan sakemm l-istess minuri taghlaq tmintax-il sena, fejn imbaghad l-istess fond flimkien ma’ l-ghamara kollha ta’ go fih bl-eskluzjoni ta’ l-oggetti ndikati bhala parafernali ta’ l-attrici f’din id-decizjoni, ghandhom jinbieghu in subbasta. Mir-rikavat tal-bejgh tal-mobbli u mmobbli ghandu jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.  Id-dritt ta’ l-attrici li tghix esklussivament ma’ bintha fid-dar konjugali ghandu jitqies li jispicca meta l- minuri taghlaq it-tmintax-il sena.

Illi jirrizulta li hemm ukoll karozza Opel Astra, Reg. No. PDS – 111 li gja’ tinsab fil-pussess tal-konvenut, qed tigi assenjata lilu, b’dan pero’ li huwa jibqa’ unikament u esklussivament responsabbli ghall-hlas tad-dejn kollu fuq l-istess vettura.  Il-konvenut ghandu jikkompensa lill-attrici ghal sehemha mill-vettura fl-ammont ta’ elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2,500), ammont iffissat *arbitrio boni viri.*

Illi dwar kull depozitu bankarju li l-partijiet ghandhom dawn ghandhom jibqghu tal-parti li f’isimha hemm tali depozitu.

Illi din il-Qorti tiddikjara wkoll li l-oggetti elenkati fid-Dok. “DZ 3” a fol. 36 tal-process huma parafernali ghall-attrici b’dan li l-istess konvenut ghandu jzomm il-*heater* u t-*television* li jinsabu fil-pussess tieghu.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut inkwantu l-istess huma b’xi mod inkompatibbli ma’ dak hawn deciz, **tichad is-sitt talba attrici, u tilqa’ t-talbiet attrici l-ohra biss fis-sens hawn deciz** b’dan illi:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti minhabba ragunijiet principalment imputabbli lill-konvenut, u dan minhabba adulterju kommess minnu ghad-dannu ta’ l-attrici, kawza ta’ liema z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, tant li l-konvenut telaq mid-dar konjugali. Tiddikjara wkoll li min-naha taghha l-attrici wkoll hija hatja ta’ adulterju, u ghalhekk il-konvivenza bejn il-partijiet ma baqghetx aktar possibbli u z-zwieg tkisser irrimedjabbilment. Konsegwentement tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-konvenut.

2. Tilqa’ din it-talba u tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri B f’idejn l-attrici, b’dan li li l- konvenut ikollu access ghal bintu minuri kull nhar ta’ Tlieta u nhar ta’ Hamis bejn l-4:00 p.m. u s-6:00 p.m. u darba s-Sibt jew il-Hadd b’mod alternattiv, bejn l-10:00 a.m. u nofsinhar. Tali kura u access ghall-minuri ghandha tigi ezercitata mill-partijiet fl-assenza ta’ terzi persuni tas-sess oppost li m’humiex membri familjari tal-partijiet. L-istess minuri ghandha tittiehed u tingieb lura ghall-access mir-resdenza ta’ l-omm. F’kaz li l-minuri tkun se ssiefer dan ghandu jkun biss bil-kunsens taz-zewg partijiet, liema kunsens ghandu jkun moghti bil-miktub, jew fin-nuqqas bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti, u dan fl-interess ta’ l-interess ta’ l-istess minuri.

3. Tilqa’ din it-talba biss ghal dak li jirrigwarda l-manteniment tal-minuri b’dan li l-konvenut ghandu jhallas manteniment ta’ mija u ghoxrin lira Maltija (Lm120) kull erba’ gimghat bil-quddiem ghall-minuri B, liema hlas isir fir-residenza ta’ l-istess attrici, u ghandhom jithallsu billi jinqatghu direttament mill-paga tal-konvenut mill-*employer*

tieghu, illum Multipackaging Limited (u kull *employer* iehor jekk ikun il-kaz). Ghal dan l-iskop din il-Qorti tordna li kopja legali ta' din is-sentenza tigi notifikata a spejjez attrici lis-socjeta' li timpjega lill-konvenut, sabiex taderixxi ruhha ma' din l-ordni skond il-ligi.

Illi t-talba ta' manteniment ghall-attrici qed tigi michuda *stante* li hija b'effett mid-data ta' din is-sentenza qed tigi dikjarata li ddekadiet minn kull dritt ta' l-istess b'applikazzjoni ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16** kontra taghha – liema artikolu qed jigi applikat ukoll kontra l-konvenut.

Illi l-konvenut ghandu pero' jhallas lill-attrici l-arretrati kollha ta' manteniment dovuti minnu skond id-digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, u dan sad-data tat-23 ta' Frar 2005.

4. Tilqa' din it-talba pero' fis-sens li tapplika kontra z-zewg partijiet interament id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 *et seq* tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**.

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet kontendenti u dan b'effett mid-data ta' din is-sentenza, u in vista ta' dak hawn fuq indikat, inkluz ic-cirkostanzi u l-*fattispecie* tal-kaz, din il-Qorti thoss li ghandha taghti aditu ghal dak li qablu dwaru l-partijiet fuq d-dar matrimonjali numru 142, Triq San Gejtanu, Hamrun, u l-ghamara li hemm go fiha. Ghalhekk, tordna li l-attrici ghandha d-dritt sabiex flimkien ma' bintha minuri tghix fl-istess fond bl-eskluzjoni tal-konvenut, u dan sakemm l-istess minuri taghlaq tmintax-il sena. Wara li l-minuri tilhaq l-eta' maggorenni, l-istess fond flimkien ma' l-ghamara kollha ta' go fih (bl-eskluzjoni ta' l-oggetti ndikati bhala parafernali ta' l-attrici f'din id-decizjoni u dawk li jinsabu fil-pussess tal-konvenut) ghandhom jinbieghu in subbasta b'dan li r-rikavat ta' l-istess bejgh tal-mobbli u mmobbli ghandu jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet. L-istess dritt ta' l-attrici li tghix eskussivament ma' bintha fid-dar konjugali ghandu jitqies li jispicca meta l-minuri taghlaq it-tmintax-il sena.

Illi min-naha l-ohra l-karozza Opel Astra, Reg. No. PDS – 111 li tinsab fil-pussess tal-konvenut qed tigi assenjata lilu b'dan pero' li huwa jibqa' unikament u esklussivament responsabbli ghall-hlas tad-dejn kollu fuq l-istess vettura, u ghandu jikkompensa lill-attrici ghal sehemha mill-istess vettura fl-ammont ta' elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2,500), liema ammont qed jigi ffissat *arbitrio boni viri.*

Illi dwar kull depozitu bankarju li l-partijiet ghandhom dawn ghandhom jibqghu tal-parti li f'isimha hemm tali depozitu.

Illi din il-Qorti tiddikjara wkoll li l-oggetti elenkati fid-Dok. "DZ 3" a fol. 36 tal-process huma parafernali ghall-attrici b'dan li l-konvenut ghandu jzomm il-*heater* u t-*television* li jinsabu fil-pussess tieghu.

6. Tichad din it-talba *stante* li m'hemmx bzonnha.

7. Tichad l-ewwel parti ta' din it-talba *stante* nuqqas ta' provi. Mill-bqija tilqa' t-talba u tordna illi l-attrici tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.

8. Tilqa' din it-talba u tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossia tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din il-Qorti.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------